



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA  
(It-Tielet Awla)  
25 ta' Ġunju 2014

Kawża F-66/13

**Beatriz Molina Solano**  
vs  
**L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**

“Servizz pubbliku — Persunal tal-Europol — Konvenzjoni Europol — Regolamenti tal-persunal tal-Europol — Deċiżjoni 2009/371/ĠAI — Applikazzjoni tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg għall-membri tal-persunal tal-Europol — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien determinat — Rifjut li jingħata kuntratt ta' aġent temporanju għal żmien indeterminat”

**Suġġett:** Rikors ippreżentat skont l-Artikolu 270 TFUE, li permezz tiegħu B. Molina Solano titlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2012 li permezz tagħha l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) irrifjuta li jgħedd għal żmien indeterminat il-kuntratt tagħha ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien determinat li skada fil-31 ta' Diċembru 2012.

**Deċiżjoni:** Ir-rikors huwa miċħud. B. Molina Solano għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija.

### Sommarju

*1. Uffiċjali — Prinċipji — Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Kundizzjonijiet — Assigurazzjonijiet preċiżi pprovduti mill-amministrazzjoni*

*2. Uffiċjali — Membri tal-persunal temporanju — Reklutaġġ — Tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — Setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni — Dmir ta' premura li jaqa' fuq l-amministrazzjoni — Teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi tal-membri tal-persunal ikkonċernat — Stħarriġ ġudizzjarju — Limiti (Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' impjegati oħra, Artikolu 88)*

1. Id-dritt li tiġi invokata l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huwa estiż għal kull individwu li jinsab f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni nisslet fih aspettattivi fondati, billi pprovdietlu assigurazzjonijiet preċiżi fil-forma ta' informazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti, li toriġina minn sorsi awtorizzati u affidabbli.

(ara l-punt 42)

Referenza:

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: sentenza Mendes vs Il-Kummissjoni, F-125/11, EU:F:2013:35, punt 62

2. L-amministrazzjoni tgawdi setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tat-tiġdid ta' kuntratti u, f'dan il-kuntest, l-istħarriġ tal-qorti huwa limitat għall-kwistjoni jekk, fid-dawl tal-fatturi u tal-motivi li setgħu wasslu lill-amministrazzjoni għall-evalwazzjoni tagħha, din tal-aħħar aġixxietx fl-limiti li ma jistgħux jiġu kkritikati u ma użatx is-setgħa tagħha b'mod manifestament żbaljat.

Barra minn hekk, id-dmir ta' premura jimplika b'mod partikolari li, meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi dwar is-sitwazzjoni ta' membru tal-persunal, u dan anki fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali wiesgħa, hija għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jistgħu jiddeterminaw id-deċiżjoni tagħha; hija u tagħmel dan hija għandha tiegħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-interess tas-servizz, iżda wkoll dak tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal ikkonċernat. Fid-dawl preċiżament tal-portata tas-setgħa diskrezzjonali li l-istituzzjonijiet għandhom fl-evalwazzjoni tal-interess tas-servizz, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għall-kwistjoni jekk l-awtorità kompetenti aġixxietx fl-limiti raġonevoli u ma użatx is-setgħa diskrezzjonali tagħha b'mod żbaljat.

(ara l-punti 54 u 55)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: sentenza BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/03, EU:T:2008:29, punt 221

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: sentenza Gheysens vs Il-Kunsill, F-8/10, EU:F:2010:151, punt 75